# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**Magistrat**

**Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can)**

**Seduta mizmuma llum 13 ta' Gunju, 2018**

**Rikors Numru: 73/2018 CSH**

**Avv Larry J Gauci bhala rapprezentant ghan-nom u in rapprezentanza ta' Rom Trust Srl socjeta' estera registrata gewwa r-Rumanija**

**vs**

**Il-Bastiment M/V Leonidas K (IMO No: 9467782)**

Rat ir-rikors tal-attur nomineipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar il-27 ta' Marzu 2018 fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvnut s-somma ta' tmint elef, disa' mija u tmintax -il ewro oltre (€8,918.00), oltre spejjez u interessi rapprezentanti/ fatturi mhux imhallsa kopji annessi u mmarkati Dok LG1 u LG2 in konessjoni ma' servizzi ta' ingagg ta' membri tal-ekwipagg senjatament "agency fees" u "recruitment cost" liema dejn jikkostitwixxi wkoll talbiet marittimi ai termini tal-artikolu 742B paragrafu (t) u ghalhekk azzjonabbli bhala azzjoni in rem ai termini tal-artikolu 742 D (a) tal-kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-imghax mid-data ta' kull fattura sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez inkluz dawk tal-mandat ta' arrest No 634/18 ipprezentat kontestwalment mal-prezenti kontra l-intimat li minn issa jibqa' ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-rikors.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat skont riferta fl-atti a fol 19 tergo tal-process fejn il-Marixxall Charles Cassar indika li l-konvenut gie notifikat bl-atti tal-kawza fl-10 ta' Mejju, 2018.

Rat li fis-seduta tal-15 ta' Mejju, 2018 il-konvenut ma deherx biex jikkontesta ta-talba attrici u lanqas biex jipprezenta r-risposta tieghu.

Rat illi fil-15 ta' Mejju, 2018 Dr. Larry Gauci pprezenta Kapitolu fil-konfront tal-konvenut ghas-subizzjoni tieghu.

Rat li fis-seduta tat-13 ta' Gunju, 2018 il-konvenut ma deherx ghas-subizzjoni tieghu.

Ghaldaqstant il-Qorti rat illi t-talba attrici ghandha tigi milqugha u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur nomine s-somma ta' elef, disa' mija u tmintax-il ewro oltre (€8918) ghar-ragunijiet imsemmija fir-rikors promotur bl-imghax mid-data tat-23 ta' Marzu, 2018.

Magistrat

Deputat Registratur